REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1019

tas-16 ta' Ġunju 2017

li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

A. IL-PROĊEDURA

1. Miżuri Proviżorji

(1) Fil-31 ta' Marzu 2016 ([2]) il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet nvestigazzjoni b'segwitu għal ilment li ġie ppreżentat fil-15 ta' Frar 2016 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar ("EUROFER" jew "l-ilmentatur") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw iktar minn 25 % tal-produzzjoni kollha ta' rebars fl-Unjoni.

(2) FL-20 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni imponiet dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja ("il-Belarussja" jew "il-pajjiż ikkonċernat") permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2303 ([3]) ("ir-Regolament proviżorju").

2. Proċedura sussegwenti

(3) Wara li ġew divulgati l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien ġie impost dazju antidumping proviżorju ("id-divulgazzjoni proviżorja"), l-ilmentatur u l-uniku produttur esportatur Belarussjan ippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar ir-riżultati proviżorji. Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw din l-opportunità.

(4) Saru seduti ma' produttur esportatur Belarussjan u ma' produtturi tal-Unjoni.

(5) Il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti verbali u bil-miktub ippreżentati mill-partijiet interessati u, meta xieraq, immodifikat ir-riżultati proviżorji.

(6) Sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet għall-kwestjonarji msemmija fil-premessi minn (124) u (133) tar-Regolament proviżorju, li ma kinux ivverifikati fl-istadju proviżorju tal-proċedura, saru żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-partijiet li ġejjin:

a) Importatur mhux relatat fl-Unjoni:

— Duferco Deutschland GmbH, il-Ġermanja

b) Utenti tal-Unjoni:

— ATG Deutschland GmbH, il-Ġermanja

— Tilts Ltd., il-Latvja

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU C 114, 31.3.2016, p. 3.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2303 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jimponi dazju antidumping proviżorju li jikkonċerna importazzjonijiet ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja (ĠU L 345, 20.12.2016, p. 4).

(7) Il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom bihsiebha timponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' rebars ("id-divulgazzjoni definittiva"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jagħmlu l-kummenti tagħhom dwar id-divulgazzjoni definittiva. Wara d-divulgazzjoni definittiva, fid-dawl tal-riżultati kif stabbiliti fil-premessi minn (18) sa (24) tad-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali), il-Kummissjoni analizzat l-indikaturi tad-dannu minbarra d-dejta li tikkonċerna s-suq Taljan li dwaru l-partijiet kollha ġew infurmati (id-divulgazzjoni addizzjonali finali). Sussegwentement, il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni addizzjonali. Il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati tqiesu u fejn xieraq ġew ikkunsidrati.

3. **Kampjunar**

(8) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward il-metodu ta' kampjunar, ir-riżultati proviżorji stabbiliti fil-premessi minn (7) sa (10) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

4. **Perjodu tal-investigazzjoni u perjodu kkunsidrat**

(9) Fin-nuqqas ta' xi kummenti rigward il-perjodu tal-investigazzjoni ("PI") u l-perjodu kkunsidrat, il-perjodi stabbiliti fil-premessa (14) tar-Regolament proviżorju hija b'dan ikkonfermata.

B. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

(10) Kif stipulat fil-premessi minn (15) u (16) tar-Regolament proviżorju, il-prodott soġġett għall-investigazzjoni ġie ddefinit bħala "ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos, tal-ħadid jew tal-azzar li mhuwiex liga, mhux iktar maħdum milli mikwi, irrumblat bis-sħana, jew estruż bis-sħana, iżda inklużi dawk milwija wara r-rumblar u wkoll dawk li fihom għafsiet, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħrajn magħmulin waqt il-proċess tal-irrumblar, li joriġinaw mill-Belarussja u li bħalissa huma kklassifikati bil-kodiċijiet tan-NM ex 7214 10 00, ex 7214 20 00, ex 7214 30 00, ex 7214 91 10, ex 7214 91 90, ex 7214 99 10, ex 7214 99 71, ex 7214 99 79 u ex 7214 99 95 ("rebars" jew "il-prodott ikkonċernat"). L-iżbarri u l-vireg li jirrinforzaw il-konkos tal-ħadid jew tal-azzar b'reżistenza għolja għar-reħi huma esklużi".

(11) Diġà fl-istadju proviżorju tal-investigazzjoni, il-produttur esportatur Belarussjan indika allegata inkonsistenza bejn l-ilment (b'referenza għal żewġ kodiċijiet NM) u l-avviż ta' bidu (AB) (b'referenza għal disa' "kodiċijiet NM"). Wara l-ispjegazzjonijiet mogħtija f'dan ir-rigward fir-regolament proviżorju, esportatur Belarussjan bidel in-natura tat-talba tiegħu u talab l-inklużjoni ta' sentenza addizzjonali fil-parti deskrittiva tal-prodott ikkonċernat sabiex ikun ċar li żbarri tondi u tipi oħra ta' żbarri mingħajr għafsiet, kustilji jew deformazzjonijiet oħra, li huma wkoll koperti mis-seba' kodiċijiet NM addizzjonali, ma jkunux inklużi fil-prodott ikkonċernat.

(12) Min-naħa l-oħra, kuntrarjament għal dak li ssostni l-kumpanija tal-Belarussja, l-ilmentatur iddikjara li żbarri tondi u żbarri oħra mingħajr deformazzjoni għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tal-prodott.

(13) Wara eżaminazzjoni bir-reqqa, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-parti deskrittiva tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat fl-ilment u fl-AB b'mod ċar ma tinkludix żbarri tondi u żbarri mingħajr deformazzjoni u, għalhekk, dawn l-iżbarri jaqgħu barra l-ambitu tal-prodott. Barra minn hekk, id-dejta kollha dwar il-prodott ikkonċernat miġbura għall-kalkoli tad-dumping u tad-dannu ma kinitx tinkludi dejta li tirreferi għal żbarri tondi jew żbarri mingħajr deformazzjoni. Għalhekk, id-definizzjoni tal-ambitu tal-prodott jinħtieġ li tagħmilha ċara li żbarri tondi u żbarri mingħajr deformazzjoni mhumiex parti mill-prodott ikkonċernat. Għalhekk, il-Kummissjoni taċċetta t-tibdil fid-deskrizzjoni tal-prodott ikkonċernat li qed jissuġġerixxi l-produttur esportatur Belarussjan. Matul din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni vverifikat li l-kodiċi NM ex 7214 99 71 u ex 7214 99 79 kienu jirreferu esklussivament għal żbarri tondi u żbarri mingħajr deformazzjoni u, għalhekk, kienu jeskludu r-referenza għalihom fid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li dawn l-iżbarri kienu ġew inklużi bi żball fl-informazzjoni stipulata fil-premessi (62), (63), (65) u (103) tar-Regolament proviżorju (il-konsum tal-Unjoni, il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ikkonċernati, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet, u importazzjonijiet minn pajjiżi terzi) u għalhekk din id-dejta ġiet riveduta skont dan.

(14) Filwaqt li jiġi kkunsidrat dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ċċarat id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kif ġej:

"Il-prodott ikkonċernat huwa ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos, tal-ħadid jew tal-azzar li mhuwiex liga, mhux iktar maħdum milli mikwi, irrumblat bis-sħana, jew estruż bis-sħana, sew jekk milwija wara r-rumblar jew mhux, li fihom għafsiet, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħrajn magħmulin waqt il-proċess tal-irrumblar, li joriġinaw mill-Belarussja u li bħalissa huma kklassifikati fil-kodiċijiet tan-NM ex 7214 10 00, ex 7214 20 00, ex 7214 30 00, ex 7214 91 10, ex 7214 91 90, ex 7214 99 10 u ex 7214 99 95 ("il-prodott ikkonċernat"). L-iżbarri u l-vireg li jirrinforzaw il-konkos tal-ħadid jew tal-azzar b'reżistenza għolja għar-reħi u prodotti twal oħrajn, bħalma huma żbarri tondi huma esklużi".

C. **DUMPING**

(15) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward id-dettalji tal-kalkolu tad-dumping, ir-riżultati u l-konklużjonijiet proviżorji stabbiliti fil-premessi minn (19) sa (55) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

D. **INDUSTRIJA TAL-UNJONI**

(16) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward l-industrija tal-Unjoni, ir-riżultati u l-konklużjonijiet proviżorji stipulati fil-premessi minn (56) sa (59) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

E. **DANNU**

(17) Kif imsemmi fil-premessi (13) u (14), l-iżbarri tondi u l-iżbarri mingħajr deformazzjoni mhumiex parti mill-prodott ikkonċernat. Dawn il-prodotti attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7214 99 71 u 7214 99 79. L-informazzjoni reveduta ppreżentata fit-tabelli, kif stipulat fil-premessi (62), (63) u (65) tar-Regolament proviżorju, hija kif ġej:

1. **Konsum tal-Unjoni**

	2012	2013	2014	PI
Konsum (tunnellati)	9 308 774	8 628 127	9 239 505	9 544 273
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*93*	*99*	*103*

2. **Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ikkonċernati**

	2012	2013	2014	PI
Volum (tunnellati)	159 395	140 970	236 109	457 755
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*88*	*148*	*287*
Is-sehem mis-suq tal-konsum tal-UE (%)	1,8	1,6	2,6	4,8
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*95*	*149*	*280*
Prezzijiet tal-importazzjonijiet				
Prezz medju f'EUR/tunnellata	495	463	436	372
Indiċi (2013 = 100)	*100*	*93*	*88*	*75*

(18) Il-korrezzjoni taċ-ċifri ta' hawn fuq ma kellha ebda impatt fuq l-evalwazzjoni tad-dannu. Tabilħaqq, it-tendenzi osservati kienu l-istess u għalhekk ir-riżultati tal-Kummissjoni fil-premessi minn (62) sa (66) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3. **In-nuqqas ta' affidabbiltà ta' ċerta dejta dwar id-dannu tal-industrija tal-Unjoni bħala riżultat tal-iffissar tal-prezzijiet**

(19) Kif deskritt fil-premessa (132) tar-Regolament proviżorju, il-produttur esportatur Belarussjan u wieħed mill-importaturi tal-Unjoni mhux fil-kampjun qajmu l-kwistjoni ta' allegat iffissar tal-prezzijiet fost produtturi tal-Unjoni, li kien jagħmel id-dejta dwar id-dannu inaffidabbli. Din id-dikjarazzjoni ġiet żviluppata aktar mill-kumpanija tal-Belarussja fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni proviżorja. Il-produttur esportatur Belarussjan indika li kienet attwalment qed issir investigazzjoni dwar kartell mill-Awtorità Taljana għall-Kompetizzjoni (Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato (iktar' il quddiem l- "AGCM")) fir-rigward ta' ċerti kumpaniji fit-Tramuntana tal-Italja. Waħda mill-kumpaniji kkonċernati hija parti mill-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni fl-investigazzjoni antidumping attwali.

(20) Wara din id-dikjarazzjoni, il-Kummissjoni talbet informazzjoni rilevanti mill-AGCM biex tevalwa jekk u sa liema punt dawn il-fatti jinfluwenza l-affidabilità tad-dejta dwar id-dannu lill-industrija tal-Unjoni fil-proċedimenti antidumping preżenti.

(21) Skont il-ġurisprudenza, f'sitwazzjoni fejn investigazzjoni dwar imġiba antikompetittiva tkun pendenti quddiem awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni trid tikkunsidra jekk l-industrija tal-Unjoni, permezz ta' din l-imġiba, tkunx ikkontribwiet għad-dannu mġarrab u stabbilixxiet li d-dannu li fuqu tibbaża l-konklużjonijiet tagħha ma kienx jirriżulta mill-imġiba antikompetittiva. Il-Kummissjoni tista' f'sitwazzjoni bħal din ma tistenniex sakemm l-awtorità nazzjonali kompetenti tikkonkludi l-investigazzjoni tagħha, iżda trid titlob l-informazzjoni rilevanti mingħand il-partijiet u l-awtoritajiet nazzjonali, kif xieraq, skont ir-regoli proċedurali għal investigazzjonijiet antidumping u twettaq valutazzjoni ta' din l-informazzjoni ([1]).

(22) Wara talba bbażata fuq l-Artikolu 6(3) tar-Regolament bażiku, l-AGCM għarrfet lill-Kummissjoni li fil-21 ta' Ottubru 2015 fetħet investigazzjoni formali fir-rigward ta' sitt produtturi Taljani ta' żbarri li jirrinforzaw il-konkos u wajer iwweldjat għal allegat ksur tal-Artikolu 101 TFUE ([2]). Waħda minn dawn il-kumpanniji hija l-produttur Taljan fil-kampjun fl-investigazzjoni attwali antidumping. F'Settembru 2016 l-AGCM estendiet il-proċedimenti sabiex tnejn mill-produtturi Taljani jkunu koperti wkoll mill-investigazzjoni. Wara l-valutazzjoni approfondita tal-informazzjoni kollha disponibbli, l-AGCM ħarġet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet li ġiet ikkomunikata lill-kumpaniji rilevanti fit-18 ta' Jannar 2017. L-imġiba antikompetittiva li qed tiġi investigata tikkonċerna l-allegazzjoni ta' skambju ta' informazzjoni u kollużjoni tal-prezzijiet fost it-tmien kumpanniji Taljani li tkun tkopri diversi fażijiet tal-katina tal-valur miżjud tal-attivitajiet tagħhom mix-xiri ta' inputs, kif ukoll il-livelli tal-kapaċità ta' produzzjoni u produzzjoni effettiva, sal-bejgħ tal-output, li allegatament seħħew matul il-perjodu 2010 sa 2016. Minħabba l-karatteristiċi tiegħu f'dak li jirrigwarda l-provvista u d-domanda, is-suq ġeografiku rilevanti ġie mfisser bħala nazzjonali fid-deċiżjoni formali biex titnieda investigazzjoni.

(23) L-informazzjoni ppreżentata minn AGCM turi li l-prodott ikkonċernat f'din l-investigazzjoni, ir-rebars, għandu ċerti karatterstiċi komuni mal-prodotti soġġetti għall-investigazzjoni tal-antitrust, kif ukoll li l-allegat kartell kien fis-seħħ matul il-perijodu kollu tal-investigazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-dejta tal-produttur Taljan fil-kampjun mhijiex affidabbli għall-iskop tal-analiżi tad-dannu.

(24) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni analizzat il-konsum tal-Unjoni, il-volum u s-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet ikkonċernati kif ukoll l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u mikroekonomiċi bl-esklużjoni ta' dejta li tappartjeni għas-suq Taljan. Għal raġunijiet ta' trasparenza, iċ-ċifri rilevanti bl-esklużjoni tal-kumpaniji Taljani huma ppreżentati hawn taħt.

(a) Konsum tal-Unjoni

	2012	2013	2014	PI
Konsum (f'tunnellati)	7 400 363	7 241 202	7 917 877	8 149 861
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*98*	*107*	*110*

([1]) Is-Sentenza f'*Extramet* vs *Il-Kunsill*, C-358/89, EU:C:1992:257, il-paragrafi minn 17 sa 20. Ara wkoll, b'analoġija, is-sentenzi *Matra* vs *Il-Kummissjoni*, C-225/91, EU:C:1993:239, il-paragrafi minn 40 sa 47; f'*RJB Mining* vs *Il-Kummissjoni*, IT-156/98, EU:T:2001:29, il-paragrafi minn107 sa 126; u *Secop* vs *Il-Kummissjoni*, IT-79/14, EU:T:2016:118, il-paragrafi minn 79 sa 86.

([2]) Il-kawża I742

(b) Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ikkonċernati

	2012	2013	2014	PI
Volum (f'tunnellati)	159 395	140 970	236 109	457 755
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*88*	*148*	*287*
Is-sehem mis-suq tal-konsum tal-UE (%)	2,2	1,9	3,0	5,6
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*90*	*138*	*261*

(25) Indikaturi makroekonomiċi (tabelli):

(a) Il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità

	2012	2013	2014	PI
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	10 108 006	9 652 130	10 283 598	9 605 712
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*95*	*102*	*95*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	13 850 553	14 047 161	14 173 253	13 910 700
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*101*	*102*	*100*
Użu tal-kapaċità (%)	73	69	73	69
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*94*	*99*	*95*

(b) Il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u t-tkabbir

	2012	2013	2014	PI
Il-volum tal-bejgħ mhux relatat (tunnellati)	6 358 083	6 177 049	6 232 069	6 229 333
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*97*	*98*	*98*
Is-sehem mis-suq tal-bejgħ mhux relatat (%)	86	85	79	76
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*99*	*92*	*89*
Il-volum tal-bejgħ relatat (tunnellati)	355 888	361 542	730 267	625 858
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*102*	*205*	*176*
Is-sehem mis-suq tal-bejgħ relatat (%)	5	5	9	8
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*104*	*192*	*160*

(c) Impjiegi u produttività

	2012	2013	2014	PI
Għadd ta' impjegati	4 314	4 103	4 278	4 189
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*95*	*99*	*97*
Produttività (tunnellati metriċi/impjegat)	2 343	2 353	2 404	2 293
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*100*	*103*	*98*

(26) Indikaturi mikroekonomiċi (tabelli — indiċizzati għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità):

(a) Prezzijiet medji tal-bejgħ għal kull unità fis-suq tal-Unjoni u kostijiet unitarji tal-produzzjoni

	2012	2013	2014	PI
Prezz medju tal-bejgħ għal kull unità fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (EUR/tunnellata)				
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*93*	*89*	*78*
L-ispiża għal kull unità tal-merkanzija mibjugħa (EUR/tunnellata)				
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*96*	*91*	*81*

(b) Il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investiment, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

	2012	2013	2014	PI
Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni għal klijenti mhux relatati (% tal-fatturat tal-bejgħ)				
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*– 593*	*– 435*	*– 603*
Fluss tal-flus (EUR)				
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*35*	*51*	*14*
Investimenti (EUR)				
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*83*	*79*	*72*
Rettidu fuq l-investmenti				
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*– 606*	*– 500*	*– 645*

(c) Stokks

	2012	2013	2014	PI
Stokks tal-għeluq (tunnellati)				
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*85*	*106*	*73*

(d) Kostijiet lavorattivi

	2012	2013	2014	PI
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)				
Indiċi (2012 = 100)	*100*	*100*	*104*	*103*

(27) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni tinnota li l-iżvilupp tal-indikaturi tad-dannu mingħajr id-dejta li tikkonċerna lill-Italja hija prattikament l-istess bħal dak li jirrifletti s-suq kollu tal-Unjoni inkluża l-Italja. Għalhekk jista' jiġi konkluż li wara li ġiet eskluża d-dejta dwar is-suq Taljan mill-analiżi tad-dannu, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni għadha waħda ta' dannu materjali fit-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku

(28) Rigward it-twaqqigħ tal-prezzijiet, il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li l-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz li nstab fl-istadju proviżorju kien 4,5 %. Il-Kummissjoni eżaminat mill-ġdid l-eżistenza ta' twaqqigħ tal-prezzijiet fid-dawl tar-riżultati ta' hawn fuq fil-premessi minn (19) sa (23). It-twaqqigħ tal-prezzijiet huwa stabbilit bl-użu ta' dejta mill-kumpaniji fil-kampjun. Għaldaqstant, il-Kummissjoni eskludiet mill-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezzijiet id-dejta relatata mal-produttur Taljan li huwa parti mill-kampjun. Il-marġini tat-twaqqigħ tal-prezz ibbażat fuq il-kumpaniji kollha fil-kampjun mingħajr il-kumpanija Taljana jibqa' sinifikanti f'livell ta' 4,4 %.

(29) Il-produttur esportatur Belarussjan iddikjara wkoll li l-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezzijiet (u tas-sottokwotazzjoni) ma għandux isir bi tqabbil mal-prezzijiet tat-transazzjonijiet kollha tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun iżda biss bi tqabbil ma' dawk li jseħħu meta ssir kompetizzjoni mal-importazzjonijiet mill-Belarussja. Il-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezzijiet normalment isiru fuq il-bażi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni mal-bejgħ kollu paragunabbli tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu, minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ u l-karatteristiċi partikolari tal-prodott ikkonċernat, il-Kummissjoni kkalkolat ukoll marġni tat-twaqqigħ tal-prezz billi llimitat l-analiżi għal dawk l-Istati Membri fejn il-prodotti tal-Belarussja kienu l-ewwel mibjugħa, l-iktar fin-Netherlands, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Litwanja. Dan l-approċċ huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni konservattiva li l-pressjoni immedjata u diretta eżerċitata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni seħħet għall-ewwel darba f'dawk l-Istati Membri. Kull effett sussegwenti fuq Stati Membri oħra għandu għalhekk ġie deliberatament injorat. F'dan ix-xenarju, il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ debitament aġġustati tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Belarussja ġew paragunati mal-prezzijiet tal-bejgħ korrispondenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, bl-esklużjoni ta' dak li jinsab fl-Italja, mitluba lil klijenti mhux relatati f'dawk ir-reġjuni fejn seħħet il-kompetizzjoni diretta ma' prodotti mill-Belarussja. Dan wassal għal marġni ta' twaqqigħ tal-prezz ta' 2,8 %, minflok 4,5 % kif stabbilit fil-premessa (68) tar-Regolament proviżorju.

(30) Il-prodott ikkonċernat minn din l-investigazzjoni jista' jitqies bħala prodott ta' komodità, li huwa sensittiv ħafna għall-prezz. Għalhekk huwa konkluż li anke l-marġni ta' twaqqigħ tal-prezz ta' 2,8 % huwa sinifikanti u suffiċjenti biex jikkawża tnaqqis fil-prezzijiet kif spjegat fil-premessi (83), (84) u (98) tar-Regolament proviżorju.

(31) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Belarussjan sostna wkoll li r-riżultati ta' hawn fuq fil-premessi minn (19) sa (23) x'aktarx li jkollhom effetti sekondarji fuq Stati Membri oħra, b'mod partikolari fi Franza, fejn il-kumpanija omm ta' wieħed mill-produtturi Taljani għandha sussidjarja li għandha pożizzjoni b'saħħitha fis-suq. Madankollu, fir-rigward tal-allegat aġir antikompetittiv fl-Italja, l-AGCM iddefinixxiet is-suq ġeografiku rilevanti bħala nazzjonali. Barra minn hekk, il-provi tal-fajl miġbura fil-qosor fil-premessi minn (19) sa (23) waħedhom ma jsostnux din l-affermazzjoni. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni hija miċħuda.

4. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(32) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni, ir-riżultati u l-konklużjonijiet proviżorji stabbiliti fil-premessi minn (70) sa (95) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

F. **KAWŻALITÀ**

1. **L-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping**

(33) Fin-nuqqas ta' xi kummenti rigward l-effett tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni, ir-riżultati u l-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (97) sa (100) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

2. **Effett ta' fatturi oħra**

2.1. *Il-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni*

(34) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni, il-konklużjoni stabbilita fil-premessa (101) tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

2.2. *Bejgħ lil partijiet relatati*

(35) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-bejgħ lil partijiet relatati, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (102) sa (103) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

2.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(36) Kif imsemmi fil-premessi (13) u (14), l-iżbarri tondi u l-iżbarri mingħajr deformazzjoni mhumiex parti mill-prodott ikkonċernat. L-informazzjoni riveduta ppreżentata fit-tabelli, kif stipulat fil-premessa (103) tar-Regolament proviżorju, hija kif ġej:

Pajjiż		2012	2013	2014	PI
In-Norveġja	Volum (tunnellati)	195 366	184 632	201 617	215 046
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*95*	*103*	*110*
	Sehem mis-suq (%)	2,1	2,1	2,2	2,3
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	551	495	483	431
Il-Bożnija-Ħerzegovina	Volum (tunnellati)	47 702	79 184	105 909	116 927
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*166*	*222*	*245*
	Sehem mis-suq (%)	0,5	0,9	1,1	1,2
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	566	479	455	415
It-Turkija	Volum (tunnellati)	92 920	136 128	195 115	103 484
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*147*	*210*	*111*
	Sehem mis-suq (%)	1,0	1,6	2,1	1,1
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	515	472	456	419
L-Ukrajna	Volum (tunnellati)	66 295	6 089	24 771	112 605
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*9*	*37*	*170*
	Sehem mis-suq (%)	0,7	0,1	0,3	1,2
	Prezz medju	501	489	441	393
Kumplament tad-Dinja	Volum (tunnellati)	124 713	155 609	192 020	288 853
	Indiċi (2012 = 100)	*100*	*125*	*154*	*232*
	Sehem mis-suq (%)	1,3	1,8	2,1	3,0
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	732	667	568	469

(37) Il-korrezzjoni taċ-ċifri ta' hawn fuq ma kellha l-ebda impatt fuq ir-riżultati fil-premessa (104) tar-Regolament proviżorju. Tabilhaqq, matul il-perjodu kkunsidrat il-prezzijiet tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi kienu bħala medja dejjem ogħla mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. L-uniku pajjiż esportatur bi prezzijiet medji aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI kien il-Belarussja li kien l-istess sena meta l-volumi tal-importazzjonijiet mill-Belarussja żdiedu b'mod l-aktar rapidu. Għalhekk, ir-riżultati kif stabbiliti fil-premessa (104) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

(38) Fir-rigward tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-produttur esportatur Belarussjan ma qabilx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-ishma individwali tas-suq ta' pajjiżi terzi, bl-eċċezzjoni tal-Ukraina, żdied biss b'mod marġinali. Il-produttur esportatur Belarussjan sostna l-opinjoni tiegħu bi statistika dwar l-importazzjonijiet għassena 2016 li huwa perjodu sussegwenti għall-PI. Barra minn hekk, huwa indika diskrepanza allegata bejn iċ-ċifri tal-importazzjoni rrappurtati fit-tabella 6.3.3 tar-Regolament proviżorju u l-statistika disponibbli tal-Eurostat.

(39) B'risposta għal dan l-argument, jinħtieġ li l-ewwel jiġi nnutat li x-xejriet u d-dejta ta' wara l-PI normalment ma humiex ikkunsidrati fl-analiżi tad-dannu u l-kawżalità. Filwaqt li l-Kummissjoni qablet fil-premessa (111) tar-Regolament proviżorju li tiġbor u tanalizza ċerta dejta ta' wara l-PI, dan sar fil-kuntest ta' talbiet rigward l-impatt tal-hekk imsejħa "skema ta' frodi tal-VAT", l-allegata diskrepanza sussegwenti bejn id-domanda u l-provvista tal-prodott ikkonċernat fis-swieq tal-Polonja u l-Istati Baltiċi, u l-livell għoli mhux normali ta' volumi tal-esportazzjoni matul il-PI mill-Belarussja li allegatament jirriżultaw minn dik l-iskema.

(40) It-tieni nett, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża l-konklużjoni tagħha dwar l-effetti tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi fuq ċifri tal-importazzjoni wara l-PI ppreżentati mill-parti interessata, peress li jenħtieġ li tanalizza biss ix-xejriet osservati waqt il-perjodu kkunsidrat (2012-2015), u li dwaru ġabret l-informazzjoni matul l-investigazzjoni. Kif spjegat fil-premessa (39), f'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni vvalutat dejta limitata ta' wara l-PI biex tindirizza sitwazzjoni eċċezzjonali, jiġifieri, skema ta' frodi tal-VAT. Għalhekk, ir-riżultati tal-premessa (104) tar-Regolament proviżorju li jirrigwardaw tibdil tal-ishma tas-suq ta' pajjiżi terzi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li jintemm fl-2015, ġew ikkonfermati.

(41) Anki jekk l-iżvilupp tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi wara l-PI ġie kkunsidrat, dan ma kienx ibiddel il-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar l-impatt potenzjali ta' dawn l-importazzjonijiet fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni, peress li dawn il-prezzijiet baqgħu ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Belarussja.

(42) Fl-aħħar nett, għal dak li jirrigwarda l-allegata diskrepanza bejn iċ-ċifri tal-importazzjoni rrappurtati fir-Regolament proviżorju u l-istatistika tal-Eurostat, jinħtieġ li jiġi nnutat li dawn tal-aħħar jinkludu wkoll il-volumi tal-importazzjoni tal-hekk imsejħa żbarri b'reżistenza għolja għar-reħi li mhumiex parti mill-ambitu tal-prodott ta' din il-proċedura u li ma ġewx irrapportati fit-tabella 6.3.3 tar-Regolament proviżorju ([1]). Meta jitqies dan ta' hawn fuq, id-dikjarazzjonijiet tal-produttur esportatur Belarussjan rigward l-impatt tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi huma miċħuda.

(43) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa (104) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

2.4. *L-evoluzzjoni tal-kostijiet*

(44) Fin-nuqqas ta' xi kumment fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-kost tal-Unjoni, il-konklużjoni stabbilita fil-premessa (105) tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

2.5. *L-impatt tal-hekk imsejħa "skema ta' frodi tal-VAT"*

(45) Il-produttur esportatur Belarussjan fis-sottomissjoni tiegħu tenna l-kummenti li saru fl-istadju proviżorju tal-investigazzjoni fir-rigward tal-impatt tal-hekk imsejħa skema ta' frodi tal-VAT fis-suq tal-Unjoni, u sostna li l-Kummissjoni naqset milli twettaq dmirha li tinvestiga l-kwistjoni. Skont il-produttur esportatur, din l-iskema kienet ir-raġuni ewlenija għad-diffikultajiet finanzjarji ta' xi produtturi tal-Unjoni. B'riżultat ta' din l-iskema ta' frodi żewġ produtturi li jinsabu fil-Latvja (fil-bidu tal-2013) u s-Slovakkja (fl-aħħar tal-2014) fallew u waqqfu l-produzzjoni tal-prodott simili. Barra minn hekk, produttur wieħed tal-Unjoni fil-Polonja waqqaf il-produzzjoni tal-prodott simili għal 3 xhur fl-2014 minħabba l-aġġornament tal-makkinarju tiegħu. Dawn l-avvenimenti kollha flimkien allegatament wasslu għal nuqqas ta' provvista, prinċipalment fis-swieq tal-Polonja u tal-Baltiku mill-2013'il quddiem. Din l-allegata diskrepanza kienet timtela' minn esportazzjonijiet tal-Belarussja.

(46) Il-produttur esportatur Belarussjan kompla jsostni li, minħabba l-iskema tal-VAT, is-sena 2015 (il-PI) kienet "sena mhux tas-soltu" f'termini ta' volumi kbar tal-prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni u li l-volumi tal-esportazzjoni bdew jonqsu diġà fi tmiem il-PI u komplew jonqsu wara l-PI.

([1]) Jiġifieri, l-volumi tal-esportazzjoni lejn l-Irlanda u r-Renju Unit kienu esklużi.

(47) Bi tweġiba għal dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Kummissjoni l-ewwel investigat id-dejta dwar l-esportazzjonijiet ipprovduta mill-uffiċċju tal-istatistika tal-Belarussja u nnotat dan li ġej. Iż-żieda fil-volum tal-esportazzjonijiet mill-produttur esportatur lejn l-Unjoni kienu marbutin mat-tnaqqis fil-volum tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur lejn is-suq Russu. Kif deskritt fit-tabella hawn taħt, bejn l-2013 u l-2015, il-produttur esportatur Belarussjan naqqas il-bejgħ tiegħu lejn ir-Russja b'mod sinifikanti b'madwar 370 000 tunnellata u żied il-bejgħ tiegħu fis-suq tal-Unjoni b'madwar l-istess ammont, jiġifieri 380 000 tunnellata.

	2012	2013	2014	PI	2016
Bejgħ ta' esportazzjonijiet totali	836	787	878	831	689
Indiċi (2012=100)	*100*	*94*	*105*	*99*	*82*
Esportazzjonijiet lejn ir-Russja	545	591	474	221	157
Indiċi (2012=100)	*100*	*108*	*87*	*41*	*29*
Esportazzjonijiet totali lejn l-UE	170	147	255	530	250
Indiċi (2012=100)	*100*	*86*	*150*	*312*	*147*
Esportazzjonijiet lejn l-Istati Baltiċi	105	110	140	137	132
Indiċi (2012=100)	*100*	*105*	*133*	*130*	*126*
Esporttazzjoni lejn il-Polonja.	2	5	50	150	15
Indiċi (2012=100)	*100*	*250*	*2 500*	*7 500*	*750*
Esportazzjonijiet lejn Stati Membri Oħra	63	32	65	243	103
Indiċi (2012=100)	*100*	*51*	*103*	*386*	*163*

Sors: Estratti mill-uffiċċju tal-istatistika tal-Belarussja

(48) It-tieni nett, il-Kummissjoni evalwat is-sitwazzjoni fis-suq tal-Polonja u dawk tal-Istati Baltiċi. Fir-rigward tal-2013, is-swieq tal-Polonja u tal-Istati Beltiċi kienu ffaċċjati bi tnaqqis tal-produzzjoni ta' produttur wieħed Pollakk u l-waqfien tal-produzzjoni ta' produttur wieħed Latvjan. Barra minn hekk, mill-1 ta' Ottubru 2013, il-gvern Pollakk applika l-mekkaniżmi tar-reverse charge tal-VAT għal madwar 40 prodott tal-azzar, minn ilqugħ u pajpijiet sa prodotti tal-azzar ċatt lesti kif ukoll rebars, biex b'hekk tiġi indirizzata l-iskema ta' frodi tal-VAT. L-analiżi tal-bejgħ tal-esportazzjoni mill-Belarussja lejn is-suq tal-Unjoni wriet li l-bejgħ tal-produttur esportatur Belarussjan lejn il-Polonja u l-Istati Baltiċi baqa' stabbli, f'livell ta' madwar 110 000 tunnellata meta mqabbel mal-2012. Għalhekk huwa konkluż li produttur esportatur fil-Belarussja ma ħax vantaġġ mill-allegat nuqqas ta' provvista mill-produzzjoni tal-Unjoni fl-2013 u li l-produtturi tal-Unjoni l-oħra preżenti fis-suq kienu kapaċi jfornu s-suq jew minn stokkijiet jew billi jdawru l-bejgħ tal-esportazzjonijiet lejn dawn is-swieq ([1]).

(49) Fir-rigward tal-2014, produttur Pollakk waqqaf il-produzzjoni għal tliet xhur sabiex jaġġorna l-makkinarju tiegħu u produttur Slovakk waqqaf il-produzzjoni tiegħu f'Awwissu 2014 (il-kumpanija ġiet iddikjarata falluta fi Frar 2015). Il-kwantità mhux disponibbli bħala riżultat ta' dawn l-avvenimenti hija stmata għal madwar 133 000 tunnellata.

(50) L-analiżi tal-bejgħ tal-esportazzjoni mill-Belarussja lejn is-suq tal-Unjoni wriet li l-bejgħ tal-produttur esportatur Belarussjan, lejn il-Polonja u l-Istati Baltiċi fil-fatt żdied b'madwar 75 000 tunnellata. Madankollu, il-produttur esportatur żied ukoll il-bejgħ tiegħu lejn swieq oħra tal-Unjoni bħall-Ġermanja minn kwantitajiet bażikament minimi għal madwar 120 000 tunnellata. Għalhekk l-argument li produttur esportatur Belarussjan żied il-bejgħ tiegħu lis-suq tal-Unjoni biss minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali tas-suq fil-Polonja u fl-Istati Baltiċi qed jiġi rrifjutat, peress li huwa żied ukoll (b'ritmu saħansitra ogħla) il-bejgħ tiegħu lil partijiet oħra tas-suq tal-Unjoni fejn ma kienet teżisti l-ebda ċirkustanza eċċezzjonali.

([1]) "Analiza wplywu zmian administracyjnych na wielkosc szarej strefy na rynku pretow zbrojeniowych i sytuacje sektora finansow publicznych" Ernst & Young, Varsavja Marzu 2014

(51) Rigward il-perjodu tal-investigazzjoni, il-produttur Latvjan fetaħ mill-ġdid f'Marzu 2015. Il-produzzjoni Pollakka ġiet lura għan-normal. Għalhekk, ma kien fadal l-ebda sitwazzjoni eċċezzjonali tas-suq f'dawn il-partijiet tas-suq tal-Unjoni.

(52) Minkejja dan, il-produttur esportatur Belarussjan kompla jżid il-bejgħ tiegħu lill-Polonja u żamm il-livell tal-bejgħ tiegħu lejn l-Istati Baltiċi meta mqabbla mal-2014. Barra minn hekk, l-oġħla żieda seħħet fuq partijiet oħra tas-suq tal-Unjoni (l-aktar fil-Bulgarija, fin-Netherlands, u fil-Ġermanja).

(53) Għaldaqstant, huwa konklużż li ż-żieda tal-esportazzjonijiet tal-Belarussja lejn l-Unjoni Ewropea ma kinitx minħabba d-distakk bejn id-domanda u l-provvista fis-suq tal-Unjoni iżda minħabba r-riorjentament tal-volum mitluf fis-suq Russu. B'hekk, l-allegazzjoni ta' insuffiċjenza ta' valutazzjoni tal-impatt tal-iskema ta' frodi tal-VAT fid-determinazzjoni proviżorja ma għandhiex bażi u, għaldaqstant, qed tiġi miċħuda.

(54) Skont il-premessa (111) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni tal-volum tal-importazzjonijiet wara l-perjodu tal-investigazzjoni. Id-dejta wriet li l-importazzjonijiet mill-Belarussja naqsu xi ftit, iżda kienu għadhom ferm oġħla mil-livelli tal-2013 u bejn wieħed u ieħor fil-livelli tal-2014. Għalhekk l-argument li ż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Belarussja kienet ta' natura temporanja u kienet spjegata mis-sitwazzjoni partikolari tas-suq fuq ċerti oqsma tas-suq tal-Unjoni huwa miċħud.

(55) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn fir-rigward tal-iskema ta' frodi tal-VAT u ta' żviluppi wara l-PI, ir-riżultati u l-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (106) sa (111) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(56) Fil-qosor, il-Kummissjoni tqis li l-ebda argument imressaq mill-partijiet interessati wara d-divulgazzjoni proviżorja ma jista' jbiddel ir-riżultati proviżorji li stabbilixxew rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni matul il-PI. Għaldaqstant, ir-riżultati stabbiliti fil-premessi minn (112) sa (115) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

(57) Il-Kummissjoni sabet li l-uniku fattur ieħor li seta' kellu impatt fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienu l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, kif iddikjarat fil-premessa (104) tar-Regolament proviżorju. Madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn l-importazzjonijiet ma setgħux ikissru r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Belarussja u d-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Belarussja baqgħu l-kawża ewlenija tad-dannu.

(58) Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, li ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping, ġie konklużż li l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-Belarussja kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

G. **INTERESSI TAL-UNJONI**

1. **L-interessi tal-industrija tal-Unjoni**

(59) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-interess tal-industrija tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (117) sa (122) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

2. **L-interess tal-utenti u l-importaturi**

(60) Il-produttur esportatur Belarussjan sostna fis-sottomissjoni tiegħu li l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-interess tal-Unjoni ma qisitx problemi partikolari tal-importaturi u l-utenti lokalizzati fl-Istati Baltiċi. Huwa sostna li, minħabba raġunijiet loġistiċi (bħal konnessjonijiet ferrovjarji, jew ir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni), il-Belarussja hija l-uniku sors ta' provvista ta' rebars għal dawk il-kumpaniji.

(61) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkonfermat li l-uniku utent li kkoopera li jinsab fl-Istati Baltiċi esperjenza ċerti problemi tekniċi ta' twassil ta' merkanzija mingħand il-produtturi tal-Unjoni (li ħadd minnhom ma jinsab fl-Istati Baltiċi). Min-naħa l-oħra, din il-kumpanija ddikjarat li x-xiri mill-Belarussja jista' jkun, u fil-perjodu ta' wara l-PI effettivament kien, sostitwit b'xiri mir-Russja u sa ċertu punt ukoll mill-Ukraina.

(62) Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet ftit li xejn kooperazzjoni minn kumpaniji li jinsabu fl-Istati Baltiċi li donnu jindika li huma ma jħossux li jkunu affettwati b'mod negattiv minn miżuri antidumping potenzjali fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat tal-Belarussja.

(63) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-interessi tal-utenti u tal-importaturi, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (123) sa (131) u fil-premessa (134) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3. **Assorbiment potenzjali ta' dazji**

(64) Fis-sottomissjoni tiegħu wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-ilmentatur iddikjara li l-livell tad-dazju antidumping propost fl-istadju proviżorju (12,5 %) ma jkunx biżżejjed, peress li l-miżura tista' faċilment tiġi assorbita minn produttur esportatur Belarussjan, li hija kumpanija proprjetà tal-istat, li tinsab f'pajjiż b'ekonomija mhux tas-suq b'aċċess allegatament favorevoli għall-materja prima sussidjata tar-ruttam tal-metall.

(65) Fir-rigward ta' din id-dikjarazzjoni, jinħtieġ li jiġi enfasizzat li l-assorbiment potenzjali jista' jkun biss kwistjoni ta' investigazzjoni antiassorbiment separata abbażi tal-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku u ma jistax jaffettwa bil-quddiem il-livell ta' miżuri antidumping imposti fl-investigazzjoni oriġinali. Barra minn hekk, l-evidenza disponibbli f'din l-investigazzjoni ma tappoġġax l-allegazzjoni ta' aċċess faċli għall-materja prima ssusidjata mill-produttur Belarussjan; fil-fatt, il-Kummissjoni sabet li l-kumpanija tixtri l-biċċa l-kbira tal-materja prima tagħha mir-Russja u l-Ukraina, pajjiżi meqjusa bħala ekonomiji tas-suq.

4. **L-importanza strateġika tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Belarussja fis-settur tal-azzar.**

(66) Fis-sottomissjoni tagħhom wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-produttur esportatur Belarussjan u l-awtoritajiet tal-Belarussja rreferew għall-importanza strateġika tal-koperazzjoni mal-UE fis-settur tal-azzar, u l-fatt li l-miżuri jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv ix-xiri li tagħmel il-Belarussja ta' tagħmir kapitali fl-Unjoni, l-istabbiliment ta' netwerk ta' kumpaniji kummerċjali relatati fl-Unjoni u kull kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej.

(67) Bħala risposta għal dan il-punt, il-Kummissjoni tenfasizza li l-miżuri għandhom bħala skop waħdieni li jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet indaqs fis-suq tal-Unjoni. Il-miżuri ma humiex ta' natura punittiva. Jekk il-produttur esportatur jgħolli l-prezzijiet tiegħu b'mod dejjiem, biex b'ħekk ma jibqax jeżisti d-dumping, huwa jista' jitlob rimborż u rieżami interim. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li dawn il-kunsiderazzjonijiet huma rilevanti għall-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni.

5. **Konklużjoni dwar l-interessi tal-Unjoni**

(68) Fil-qosor, l-ebda argument imressaq mill-partijiet interessati ma juri li hemm raġunijiet konvinċenti kontra l-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Belarussja. Kwalunkwe effett negattiv fuq l-utenti u l-importaturi mhux relatati jista' jittaffa permezz tad-disponibbiltà ta' sorsi alternattivi ta' provvista. Barra minn hekk, meta jiġi kkunsidrat l-impatt globali tal-miżuri antidumping fuq is-suq tal-Unjoni, l-effetti pożittivi, b'mod partikolari fuq l-industrija tal-Unjoni, jidhru li jegħlbu l-impatti potenzjalment negattivi fuq il-gruppi l-oħra ta' interess. Il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (135) sa (137) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

H. **MIŻURI DEFINITTIVI TA' ANTIDUMPING**

1. **Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu (marġni tad-dannu)**

1.1. *Il-profitt fil-mira*

(69) Wara d-divulgazzjoni proviżorja u finali l-industrija tal-Unjoni kkontestat il-profitt fil-mira użat sabiex jiġi stabbilit il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu kif stabbilit fil-premessa (143) tar-Regolament proviżorju. Dawn it-talbiet kienu mtennija wara d-divulgazzjoni definittiva.

(70) Il-profitt fil-mira użat fil-kalkoli tal-marġini proviżorju tad-dannu kien jammonta għal 4,8 %. Din iċ-ċifra kienet ibbażata fuq il-marġni ta' profitt tal-2012 għal prodott simili ħafna, l-HFP rebars, u użat f'din l-aħħar proċedura antidumping rigward l-importazzjonijiet ta' HFP rebars li joriġinaw miċ-Ċina ([1]).

([1]) ĠU L 204, 29.7.2016, p. 70.

(71) L-ilmentatur fis-sottomissjoni tiegħu kkontesta l-użu tal-istess profitt fil-mira użat għall-investigazzjoni tal-HFP rebars u allega li dawn iż-żewġ prodotti u s-swieq rispettivi tagħhom huma differenti. L-ilmentatur issuġġerixxa li jintuża profitt fil-mira saħansitra ogħla minn dak propost oriġinarjament fl-ilment, 16 % jew 17 %, li kien il-profitt miksub mill-produtturi tal-Unjoni fl-2006 jew ikkunsidrat "mixtieq għal perijodu fit-tul għal industrija tal-azzar b'saħħitha" ([1]).

(72) F'dan ir-rigward, il-profitt fil-mira użat f'dawn il-proċedimenti, li l-Kummissjoni sabet li kien l-aktar xieraq, huwa bbażat fuq iċ-ċifra effettivament miksuba fl-2012 (li hija fil-perjodu kkunsidrat) mill-produtturi tal-Unjoni ta' prodott simili ħafna mmanifatturat sa ċertu punt bl-użu tal-istess faċilitajiet għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat f'din l-investigazzjoni. Huwa mfakkar ukoll li fl-ilment l-EUROFER talbet profitt fil-mira ta' 9,9 % li kien użat f'investigazzjoni fuq il-vireg tal-wajer, prodott definittivament aktar imbiegħed mill-prodott ikkonċernat mill-HFP rebars. Fl-aħħar nett, l-għan tal-istabbiliment tal-marġni ta' dannu huwa li titneħħa l-parti tad-dannu kkawżata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, iżda mhux minn fatturi oħra bħalma hija l-kriżi ekonomika. Filwaqt li l-profitt ta' 1,3 %, li kien l-uniku profitt miksub mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat ([2]), instab li huwa mhux xieraq minħabba l-impatt tal-skema ta' frodi tal-VAT, jidher li huwa aktar kongruwenti li jintuża marġni ta' profitt li nkiseb mill-industrija matul l-istess perjodu, ivverifikat u misjub adattat għal prodott simili ħafna tal-proċedura antidumping, b'perjodi fil-maġġoranza tagħhom sovraposti. It-talba tal-industrija tal-Unjoni għalhekk ma ntlaqgħetx.

1.2. *Spejjeż ta' wara l-importazzjoni*

(73) Fil-kalkolu proviżorju tal-marġni ta' dannu, għandu jiġi applikat aġġustament ta' 2 % għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni ([3]). Fis-sottomissjoni tiegħu wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-produttur esportatur Belarussjan sostna li f'dan il-każ partikolari għandha tintuża ċifra ogħla ta' 4-6 %, peress li dan il-livell ta' aġġustament ikun jirrifletti aħjar l-ispejjeż attwali ta' wara l-importazzjoni li l-importaturi/utenti jkollhom ikopru.

(74) Wara din it-talba, il-Kummissjoni eżaminat f'aktar dettall il-livell u l-istruttura tal-ispejjeż tal-importazzjoni u tal-postimportazzjoni ddikjarati mill-importatur li qed jikkoopera u mill-utenti msemmija fil-premessa (6).

(75) Abbażi tar-riżultati taż-żjarat ta' verifika għand dawn il-kumpaniji, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni biex tibdel il-livell ta' aġġustament. Il-kostijiet reali ta' wara l-importazzjoni tal-importatur u ta' wieħed mill-utenti kienu (bħala medja għall-IP kollu) ta' inqas minn 2 %. Għal kumpanija waħda biss (utent Ġermaniż), l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni kienu ogħla minn 2 %, fil-medda ddikjarata ta' 4-6 %. Madankollu, din il-kumpanija kellha operazzjonijiet ta' wara l-importazzjoni mhux standard għat-trasport tal-prodott ikkonċernat mill-imħażen tagħha għal siti interni ta' produzzjoni. Dawn mhumiex spejjeż standard ta' wara l-importazzjoni, komuni għall-importaturi, iżda spejjeż speċifiċi ħafna għall-operat ta' din il-kumpanija. Jinħtieġ li jiġi enfasizzat li, għall-fini tal-kalkoli tal-marġini ta' dannu, il-prezzijiet tal-esportazzjoni huma stabbiliti fuq il-livell tal-fruntiera tal-UE (aġġustati għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni) u meta mqabbla ma' prezzijiet mill-fabbrika tal-produtturi tal-Unjoni. L-ispejjeż tat-trasport tal-prodott lejn is-siti ta' produzzjoni tal-utenti ma humiex rilevanti f'dan il-kuntest u għalhekk mhux qed jiġu kkunsidrati. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat il-kostijiet ta' wara l-importazzjoni stabbiliti fl-istadju proviżorju ta' 2 % bħala raġonevoli. Għaldaqstant it-talba ġiet miċħuda.

1.3. *Kwistjonijiet oħra dwar il-kalkolu tal-marġni tad-dannu*

(76) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, kemm l-ilmentatur kif ukoll il-produttur esportatur Belarussjan qajjmu diversi punti minuri addizzjonali rigward il-kalkoli tal-marġni tad-dannu.

(77) L-ilmentatur kien indika li l-istabbiliment tal-prezz CIF għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz u tas-sottokwotazzjoni ma għandhomx ikunu bbażat fuq il-prezz tat-trasferiment lil importaturi relatati iżda jerġgħu jiġu kkalkulati għall-bejgħ mill-ġdid indipendenti. Il-Kummissjoni hawnhekk tikkonferma li fil-fatt il-prezz CIF użat għall-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz u tas-sottokwotazzjoni fl-istadju proviżorju kien ibbażat fuq il-bejgħ mill-ġdid indipendenti.

([1]) Mir-Rapport McKinsey fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Azzar tal-OECD f'Diċembru 2013.
([2]) Il-profitt miksub fis-sena 2012; għas-snin l-oħra tal-perjodu kkunsidrat, jiġifieri bejn l-2013 u l-2015, il-produtturi tal-Unjoni rreġistraw telf.
([3]) Divulgazzjoni speċifika li rċevew il-partijiet interessati l-Anness 3

(78) L-ilmentatur ippropona metodu "alternattiv" tal-allokazzjoni tal-ispiża bejn tipi differenti ta' prodotti għall-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz u tas-sottokwotazzjoni. Madankollu, din il-proposta saret wara l-miżuri proviżorji meta t-tweġibiet għall-kwestjonarju ġew ivverifikati kollha fuq il-post u ġew finalizzati l-kalkoli. Fi kwalunkwe każ, l-allokazzjoni tal-ispejjeż hija irrilevanti għall-kalkolu tal-marġni tad-dannu f'dan il-każ, peress li l-marġni ta' dannu kien ibbażat fuq il-prezzijiet għal kull tip ta' prodott mill-fabbrika u mhux fuq l-ispejjeż għal kull tip ta' prodott. Għaldaqstant id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

(79) L-ilmentatur ippropona wkoll li l-marġni ta' dannu jiġi bbażat mhux fuq id-dejta tal-PI kollu iżda fuq kwart magħżul tal-PI meta l-marġni jkun aktar "rappreżentattiv". Madankollu, l-ilmentatur ma rnexxilux jipprovdi xi evidenza li hemm xi ċirkostanzi speċjali f'dan il-każ li jkunu jiġġustifikaw li wieħed jiddevja mill-prattika standard tal-Kummissjoni li tibbaża l-marġini tad-dannu fuq il-PI kollu. It-talba għalhekk qed tiġi miċħuda.

(80) Il-Kummissjoni ddeċidiet li tapplika kawtela f'dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-marġni ta' dannu. Fil-fatt, meta wieħed iqis in-nuqqas ta' affidabbiltà ta' ċerta dejta għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq fil-premessi minn (19) sa (23) u l-ispeċifiċitajiet ta' dan il-każ, il-Kummissjoni rrevediet il-kalkolu tal-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu billi eskludiet id-dejta mill-produttur Taljan fil-kampjun u llimitat il-kalkolu tal bejgħ fin-Netherlands, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Litwanja. Dan il-kalkolu huwa mera ta' kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz imsemmi hawn fuq fil-premessa (29) li rriżulta f'marġini ta' twaqqigħ tal-prezz ta' 2,8 %. Fuq din il-bażi, il-marġni rivedut ta' dannu huwa stabbilit f'livell ta' 10,6 %.

(81) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur ikkontesta l-metodoloġija segwita mill-Kummissjoni f'dan il-każ, għar-raġuni li l-Kummissjoni kienet *de facto* ċekknet l-ambitu tal-investigazzjoni sabiex dan jitnaqqas għal investigazzjoni reġjonali. Huwa argumenta wkoll li l-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu ta' hawn fuq ma jneħħix id-dannu lill-industrija tal-Unjoni komplessivament. L-ilmentatur innota wkoll li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Belarussja saru f'16-il Stat Membru differenti, jiġifieri ħafna iktar minn dawk użati mill-Kummissjoni għall-istabbiliment tal-marġni ta' dannu.

(82) F'dan ir-rigward, jinħtieġ li jiġi osservat li l-Kummissjoni effettivament ibbażat l-analiżi tagħha tad-dannu fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni komplessivament, u kkonkludiet li t-tneħħija tal-Italja mill-valutazzjoni ma tibdilx l-istampa tad-dannu. Għal dak li jirrigwarda l-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu, anki jekk l-importazzjonijiet mill-Belarussja fil-fatt seħħew f'għadd ta' Stati Membri (fil-fatt 13) il-Kummissjoni bbażat il-kalkoli ta' eliminazzjoni ta' dannu fuq id-dejta li tirrigwarda biss il-kumpaniji fil-kampjun, li biegħu l-prodott simili f'għadd iktar limitat ta' pajjiżi, għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (29). Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà, għall-partijiet interessati kollha, li jitolbu rieżami *interim* ladarba r-riżultati tal-investigazzjoni tal-kartell jiġu finalizzati, u skont is-sitwazzjoni prevalenti f'dak iż-żmien.

1.4. *Konklużjoni dwar il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu*

(83) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn dwar il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu, grad tal-livell definittiv ta' tneħħija ta' dannu huwa stabbilit għal 10,6 %.

2. **Miżuri definittivi**

(84) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li saru fir-rigward tad-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, jinħtieġ li jiġu imposti miżuri antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fil-livell tal-marġni tad-dannu, f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri.

(85) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Belarussjan iddikjara li ċ-ċirkustanzi tal-każ kienu jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' miżuri taħt il-forma ta' ammont parzjali ħieles mid-dazju, jiġifieri li l-ewwel 200 000 tunnellata importati jkunu ħielsa mid-dazju, u li t-tul taż-żmien tal-miżuri jeħtieġ li jkun limitat għal sentejn.

(86) Huwa mfakkar li d-dumping jirriżulta minn diskriminazzjoni fil-prezz u għalhekk ir-rimedju jinħtieġ li jikkonsisti minn dazji antidumping jew impenn ta' prezz. Kwota ħielsa mid-dazju kif mitlub mill-esportatur Belarussjan ma fihiex l-element tal-prezz li kien ipatti għad-dumping dannuż u għalhekk ma tistax tiġi aċċettata. F'dan il-każ ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni biex jitnaqqas il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri. Jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu, il-Belarussjan għandu l-possibbiltà li jitlob rieżami tal-miżuri skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. Il-talbiet għalhekk ma ntlaqgħux. Huwa mfakkar ukoll li l-Kummissjoni tista' terġa' tirrevedi r-riżultati jekk l-investigazzjoni tal-kartell titfa' dubju fuq ir-riżultati definittivi stabbiliti f'dan ir-regolament.

(87) Fuq il-bażi ta' hawn fuq, ir-rata li biha se jiġu imposti dawn id-dazji hija stabbilita kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dannu (%)	Marġni tad-dumping (%)	Rata tad-dazju anti-dumping definittiv (%)
BMZ	10,6	58,4	10,6
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	10,6	58,4	10,6

3. **Ġbir definittiv tad-dazju proviżorju**

(88) Fid-dawl tal-marġnijiet tad-dumping li nstabu u minħabba l-livell ta' dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, l-ammonti garantiti permezz tad-dazju antidumping proviżorju impost bir-Regolament proviżorju jinħtieġ li jinġabru b'mod definittiv.

(89) Il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ma tax opinjoni.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Jiġi impost dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos, tal-ħadid jew tal-azzar li mhuwiex liga, mhux iktar maħdum milli mikwija bis-sħana, irrumblati jew estruži bis-sħana, iżda inklużi dawk milwija wara r-rumblar u wkoll dawk li fihom għafsiet, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħrajn magħmulin waqt il-proċess tal-irrumblar. L-iżbarri u l-vireg li jirrinforzaw il-konkos tal-ħadid jew tal-azzar b'reżistenza għolja għar-reħi huma esklużi. Prodotti twal oħrajn, bħalma huma staneg tondi huma esklużi. Il-prodott ikkonċernat joriġina mill-Belarussja u attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 7214 10 00, ex 7214 20 00, ex 7214 30 00, ex 7214 91 10, ex 7214 91 90, ex 7214 99 10 u ex 7214 99 95 (kodiċijiet TARIC: 7214 10 00 10, 7214 20 00 20, 7214 30 00 10, 7214 91 10 10, 7214 91 90 10, 7214 99 10 10, 7214 99 95 10).

2. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 għandha tkun ta' 10,6 %.

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali

Artikolu 2

L-ammonti garantiti bħala dazji antidumping proviżorji skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2303 għandhom jinġabru b'mod definittiv.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER